MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1530/2004

**Raymond Farrugia**

**Vs**

**Marica Galea**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' mitejn u disgha u sebghin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm279.37c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuta fl-ewwel eccezzjoni qalet illi qatt ma kien hemm oppozizzjoni da parti taghha jew ta' l-assigurazzjoni taghha Atlas Insurance Limited li ssir favur l-attur likwidazzjoni.

Fit-tieni eccezzjoni tikkontesta l-ammont mitlub f'din il kawza ghaliex huwa esagerat. Tghid illi d-danni ta' l-attur rizultanti mill-kollizjoni in kwistjoni kienu jammontaw ghal sebgha w erbghin lira Maltin (Lm47).

Fl-ahhar eccezzjoni l-konvenuta tghid illi m'ghandhiex tbati spejjez gudizzjarji una volta kienet disposta thallas l-attur id-danni li attwalment garrab fl-incident qabel il-prezentata ta' l-Avviz, liema offerta tghid li kienet irrifjutata.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-*Front to Rear Form*.

Ra li skond l-istess formola, bhala hsara, l-attur kellu l-bumper ta' wara u l-bieba ta' wara tal-lemin. Filwaqt li l-konvenuta kellha hsara fil-bumper quddiem u l-bonnett.

Ra x-xhieda ta' l-attur fejn jghid illi l-konvenuta baqghet diehla fil-vann tieghu minn wara. Jikkonferma l-hsarat fil-vann. Jghid ukoll illi fuq il-post ta' l-incident gie s-*surveyor* tal-konvenuta Peter Bonnici mibghut minn Atlas Insurance.

L-attur jghid illi qed jitlob iktar milli hemm fis-*survey* ghaliex billi kien jahdem bil-vann talab erbat ijiem bhala kiri tal-vann.

Jikkonferma li qabel l-incident kellu ghafsa fuq il-bieba tan-naha tax-xellug tal-vann. Jghid illi kien informa lill-*panel beater* b'din l-ghafsa ta' fuq il-genb.

Fil-kontro-ezami jghid illi s-*surveyor* kien gie gimgha wara l-incident. Darba minnhom jghid illi meta mar ghand l-Atlas gew Steve Conti u Mark Micallef sabiex jaraw il-karozza. Farrugia jikkonferma li Conti u Micallef qalu li l-

hsara fil-bibien ma kellhomx x’jaqsmu ma’ din il-kollizjoni kif ukoll id-daqqa li kellu fiz-zewg bibien kienet estensiva.

Ra x-xhieda ta’ Stephen Conti li jahdem bhala Claims Manager ma’ Atlas Insurance fejn jikkonferma li l-incident in kwistjoni kien tort tal-konvenuta minhabba li l-kollizjoni saret minn wara. Jghid illi meta raw il-vetturi hdejn xulxin irrizulta li l-bumper tal-konvenuta wasal sa livell tal-bumper ta’ l-attur u ghalhekk l-impatt kien mal-bumper biss. Atlas Insurance offriet lill-attur sebgha w erbghin lira Maltin (Lm47) sabiex jinzeba’ l-bumper u l-cost tieghu izda l-istess attur m’accettax.

Fil-kontro-ezami jikkonferma li l-bumper dahal ‘il gewwa bid-daqqa izda ma kienx iddammeggjat.

Ra x-xhieda ta’ Peter Bonnici fejn jghid illi hu kien ghamel l-istima fuq il-hsarat li ra izda d-daqqa fuq wara tax-xellug ma hadhiex in konsiderazzjoni minhabba li kien infurmat li kienet diga’ hemm.

Ra x-xhieda ta’ Mark Micallef li huwa *surveyor* ma’ Atlas Insurance. Jikkonferma illi meta pparkjaw il-karozza tal-konvenuta wara dik ta’ l-attur irrizulta li l-uniku hsara li setghet ghamlet il-karozza tal-konvenuta kienet fuq il-bumper ta’ wara u ma setghetx ghamlet hsara fuq il-bibien fuq wara.

Jghid ukoll illi s-sadid fil-vann ta’ l-attur kien hemm qabel l-incident ghaliex fi zmien gimgha ma johrogx sadid.

Ra x-xhieda ta’ Marco Galea li huwa r-ragel tal-konvenuta fejn jikkonferma li ma kienx prezenti meta gara l-incident. Jghid illi l-vettura tal-konvenuta hija hafna iktar baxxa minfejn kienet id-daqqa fuq il-karozza ta’ l-attur.

Jikkonferma wkoll illi meta mar jara l-karozza ta’ l-attur il-bumper kien bis-sadid kif ukoll il-*floorboard* kellu s-sadid.

Ra x-xhieda tal-konvenuta fejn tghid li wara l-incident l-attur ressaq il-vettura tieghu ‘l quddiem. Ma tiftakarx xi hsara kellu l-attur fil-vettura tieghu wara l-impatt.

Fil-kontro-ezami tikkonferma li l-attur kien qallha li mhux hi ghamlet il-hsara fuq ix-xellug wara tal-vettura tieghu.

Ra illi l-attur kien ghamilha cara li kellu diga' hsara fuq il-bieba tax-xellug ta' wara.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenuta qieghda tikkontesta l-ammont ta' danni mitlubin mill-attur. Il-konvenuta tghid li l-bumper taghha setghet kienet livell il-bumper ta' l-attur u ghalhekk hi lesta thallas biss ghall-istess bumper.

Illi skond is-*survey* li saret fuq talba ta' l-assigurazzjoni tal-konvenuta (a fol 22 tal-process) hemm hsara fl-ammont ta' mitejn u wiehed u hamsin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm251.37c) u erbat ijiem *loss of use*.

Illi mbaghad *surveyor* iehor ma' l-assigurazzjoni tal-konvenuta ezamina z-zewg vetturi hdejn xulxin u wasal ghall-konkluzjoni li l-uniku hsara li setghet ghamlet il-Megan (tal-konvenuta) kienet fuq il-bumper ta' wara u ma setghetx ghamlet hsara fuq il-bibien fuq wara.

Is-*surveyor* zied qal li s-sadid li kien hemm bilfors ma kienx rizultat tal-habta in kwistjoni ghaliex fi zmien gimgha ma johrogx sadid bhalma raw.

Qabel ma pprezenta l-kawza l-attur kien jaf li t-tezi tal-konvenuta kienet ibbazata fuq *surveyor* espert fil-kollizjonijiet. Illi l-attur naqas li jgib rapport ta' espert *ex parte* u naqas li jitlob li jigi appuntat perit mit-Tribunal. L-attur fil-fatt kien semma' lis-*surveyor* Mark Micallef bhala xhud tieghu.

Illi hemm diversi sentenzi li jikkonfermaw li f'materja teknika l-Qorti ghandha taghti mportanza kbira ghall-konkluzjonijiet ta' l-esperti.

Illi fid-dawl tax-xhieda ta’ l-espert Mark Micallef dan it-Tribunal jikkonkludi li l-uniku hsara li setghet ghamlet il-konvenuta kienet il-hsara fuq il-bumper ta’ l-attur.

Ghaldaqstant jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas sebgha w erbghin lira Maltin (Lm47) lill-attur. L-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet. Il-konvenuta ghandha thallas l-ispejjez taghha billi naqset li tiddepozita s-somma l-Qorti qabel il-kawza. L-Ittra tat-23 ta’ Gunju, 2004 tas-socjeta’ assiguratrici tal-konvenuta ntbaghtet “without prejudice”.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------